# Dun Ġwann Barbara *Kitba ta' Glenn Copperstone*

Dun Ġwann Barbara twieled Ħal Tarxien nhar id-19 ta' Mejju 1670 minn Natale Barbara u Antonia Camilleri. Kien ir-raba' fost sebat aħwa. Il-familja Barbara kienet numeruża u importanti minħabba li kienet għanja kemm materjalment, kif ukoll spiritwalment. Dun Ġwann kien jaħdem ir-raba' hu stess jew iqabbad lil ħaddieħor.

Kien jiżra' l-qamħ u l-qoton kif kienet id-drawwa dik il-ħabta. Id-dar kellu l-għodda kollha tal-biedja u kien jinnegozja flusu billi kien jislef lill-baħħara negozjanti tal-qoton li kienu jsiefru għal Spanja fl-ibliet ta' Alicante, Barcellona, Cadiz u Marsilja. Fil-familja Barbara matul il-100 sena 1668-1760 insibu mhux inqas minn għaxar qassisin, biżżejjed insemmu lil zijuh, il-W.R. Dr. Gio Marija Barbara, Kappillan ta' Ħal Tarxien (1662 - 1668), zijuh ieħor bl-isem ta' Dun Ġwann, li kien Viċi ta' l-istess kappillan msemmi u lil ħuh, Dun Indri.



Sa minn tfulitu, Dun Indri, kien miġbud lejn il-parroċċa u ta' 17-il sena kien ġa pprofessa bħala fratell f'Tal Kunċizzjoni.

Kemm matul ħajtu u ferm iżjed wara mewtu, Dun Ġwann kien il-benefattur ewlieni li qatt kellha l-parroċċa tal-Lunzjata li tant tagħha kien devot.

Is-seklu tmintax kien żmien tad-deheb għall-knisja tagħna tant li f'daż-żmien saru ħafna xogħlijiet artistiċi kbar kif ukoll tibdil strutturali kbir fil-bini tal-knisja.

Sweeties Confectionery
B'Bugia Road, Tarxien - Tel: 21 803519
For all kinds of Sweets, pastry, daily fresh bread and all food stuffs. Open from Monday to Sunday.

Ta' min isemmi il-kor ta' l-injam, l-orgni, il-qampiena l-qadima, in-navi, il-kappelluni kif ukoll l-isfera sabiħa li tintuża fil-festa titulari u fil-festi tas-sagrament.

Il-familja Barabara kellha sehem mhux ħażin biex setgħu jsiru dawn l-opri, saħansitra Dun Ġwann innifsu taha l-ġebel mill-għalqa tal-barriera li kienet propjetà tiegħu.

Dun Ġwann miet nhar il-ħdax ta' Settembru 1759. Hu miet id-dar tiegħu mdawwar mill-familja Bonnici, li kienet midħla ta' Dun Ġwann u oħrajn. Kif kien jixraqlu, kien meħud b'funeral solenni fil-knisja parrokkjali u hemm saritlu quddiesa kantata bil-ministri mmexxija mill-kappillan tal-parroċċa, Dun Tumas Cirillo Formosa. Wara ġie midfun fil-kor kif kien xtaq.

**It-Testment ta' Dun Ġwann**

Dun Ġwann ħabbu sew raħal twelidu, Ħal Tarxien. Barra minn hekk, l-imħabba tiegħu lejn id-dar t'Alla wrieha fit-Testment. Dan is-saċerdot kien għani ħafna għaż-żminijiet li għex fihom. Fit-testment li semmejna, Dun Ġwann, wara li ħalla xi ħaġa żgħira lin-neputijiet tiegħu u xi nies oħra ta' madwru, deherlu li l-bini tiegħu kellhom iservu biex isiru ħafna opri sbieħ fil-Knisja Parrokkjali. B'dan il-ġid twaqqfet fundazzjoni li d-dħul minnha għadu jintuża biex issebbaħ din l-istess knisja.

Wara l-mewt tal-fundatur, l-eżekuturi bdew jaħsbu biex jagħmlu l-opri li kienu ordnati mit-testment u f'Ġunju ta' l-1761 bdew jesegwixxu. L-ewwel opra kienet it-tapezzerija tad-damask fin tal-ħarir. Dan kien l-aktar bżonnjuż peress li sa hawn id-damask kien jinkera jew mill-Isla jew minn Bormla. Ta' min jgħid li Dun Ġwann ħalla l-knisja parrokkjali tal-Lunzjata bħala werrieta universali. Fil-bidu tas-sena 1761 sar ftehim għal damask minn Livorno u apparat tal-brukkat fin tal-ħarir minn Lyon, Franza. Id-damask tela' l-ewwel darba fis-sena 1766, iżda x-xogħol baqa' sejjer sas-sena ta' wara.

Bis-saħħa ta' dan il-qassis ġeneruż saru wkoll opri oħra iżjed riċenti bħal-lampieri ta' l-artal maġġur, l-artal innifsu, it-tużell tal-festa, apparat tal-ħarir irrakkmat bid-deheb li jintuża biss għall-festa titulari u s-supraporta tal-bieb l-kbir li wkoll tinkixef darba fis-sena biss. Ta' min jgħid li l-fundazzjoni Barbara għadha tgħin finanzjarjament lill-knisja tagħna sal-lum! Dun Ġwann ħaseb ukoll biex iħallas lil min jieħu ħsieb u jarma u jżarma l-patrimonju tiegħu fil-festa.

Il-ġid ta' Dun Ġwann Barbara għadna ngawdu minnu sal-lum. J'Alla jkun hawn iżjed qlub ġenerużi bħal dik ta' Dun Barbara biex ikomplu jsebbħu l-knisja tal-Lunzjata li tant inħobbu.